**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Dillon Kenneth Junior Bartolo**

**Kumpilazzjoni numru 102/2017**

**Illum 4 ta' Mejju, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Dillon Kenneth Junior Bartolo** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 474393 (M) billi huwa akkuzat talli nhar it-18 Jannar 2017 u anka matul ix-xhur ta qabel gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi għad-dannu ta Carmela Zammit u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur ta l-artikolu 183 tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta;

2. Ikkommetta serq minn gewwa residenza 10, Sunbeam Tara, Fl 22, Triq Tigne, Sliema, liema serq huwa aggravat bil-persuna, bil-lok u bil-valur, liema valur ma jaccedix is-somma ta elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2329.37euro), ghad-detriment ta Carmela Zammit u/jew persuni ohra, bi ksur ta l-artikoli 261, 267, 268, 279 (a), Kap9
3. Ikkommetta serq ta diversi cheques, liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-lok u dan ghad-detriment ta Carmela Zammit u/jew persuni ohra, bi ksur tal-artikoli 261, 268, 269 u 281 tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta.
4. Appropja ruhu, billi dawwar, bi pofit ghalih jew ghal persuna ohra, min haga ta haddiehor u cioe cheque ta' 80euro li kienu gew fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu specifikata minnhom u dan bi ksur ta l-artikolu 293 tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta ;
5. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi ura ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, ghamel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor tas-somma komplesiva ta 80 euro u dan ghad-dannu ta Carmela Zammit u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, bi ksur tal-artikoli 308 u 310(1)(c) tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta;
6. Ghamel xi qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan is-sub-titolu (Sub-titolu III, Fuq il-Frodi.) ghad-dannu ta Carmela Zammit u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, bi ksur ta l-artikolu 309 tal-kap9 tal-ligijiet ta Malta;

Rat li matul is-seduta tal-4 ta' Mejju 2017 l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-gurament tiegħu.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat, tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi. Wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Ikkunsidrat : -

In vista tal-ammissjoni imtennija tal-imputat għall-imputazzjoni miġjuba kontrih kif speċifikati aktar 'il fuq, il-Qorti ma għandhiex alternattiva għajr li ssib lil imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti tifhem li jista' jkun veru li dan il-każ tnissel minn mument ħażin li ħakem lill-imputat.  Pero l-istess Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-imputat jidher li huwa maħkum mill-vizzju tal-abbuż mid-droga.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serja hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita' sabiex vittmi ta' droga jfiqu minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn din il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita' u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga' jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta'.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lill-imputat sabiex jirreintegra ruhu tajjeb fis-socjeta' li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin u konsegwentement ma thossx li ghandha tinfliggi piena karcerarja.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkonsidra piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija.

Ikun opportun ukoll li l-Qorti tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Trattament ai termini ta' Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ghan tal-Qorti huwa dak li apparti li tara li l-imputat jigi kkundannat ghal dak li wettaq, tara wkoll li haga simili l-imputat jaghraf ma jergghax iwettaqha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat il-kunsens mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 2 ta' Marzu 2017 issib lill-imputat Dillon Kenneth Junior Bartolo hati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu u tordna li, ai termini ta' Arikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal tliet (3) snin u bil-kundizzjonjiet l-ohra ndikati fl-istess ordni hawn anness, inkluz dik ta' ordni ta' trattament kontenuta fl-ordni.

Dan l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-import ta' din l-ordni u qaltlu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx ghal kundizzjonijiet ta' dan l-ordni u accertat ruhha li l-istess hati accetta li joqghod ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-ordni.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Dillon Kenneth Junior Bartolo bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' probation u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is- sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' probation moghtija b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Dillon Kenneth Junior Bartolo.

Inoltre stante li l-Qorti jidhrilha li l-imputat jirriżulta li huwa maħkum mill-vizzju tal-abbuż mid-droga, il-Qorti qegħda tagħmel ukoll ordni ta' trattament għal perjodu ta' tliet snin u dan sabiex l-imputat jagħraf joħroġ mill-vizzju tal-abbuż mid-droga u dan skont id-digriet li qed jiġi anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha u b'applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Trattament u dana kif jirrizulta minn wahda mill-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1) tal-Kodiċi Kriminali qegħda b'żieda mal-piena aktar il-fuq inflitta tagħmel ordni ta' superviżjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ordni ta' superviżjoni") li permezz tagħha tqiegħed lill-ħati taħt is-superviżjoni t'uffiċjal sorveljanti għal perijodu ta' tliet snin millum.

Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' supervizjoni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Inoltre wara li rat l-Artikoli 532A u 532B tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tikkundanna lill-ħati sabiex iħallas is-somma ta' mija u ħamsin euro (€150) rappreżentanti l-valur tad-dannu ta' Carmela Zammit fi zmien sitt xhur millum.

L-Ufficjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**